# Tribunal Industrijali

Decizjoni Numru 1437

Kaz Numru 1752

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Francis Catania

u

Consolidated Biscuits Co. Ltd
dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta

Data: 16 ta' Ottubru 2003

Chairman : Av. Dr. Audrey Demicoli

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal minn Francis Catania tramite it-Taqsima Lukandi Ristoranti Ikel u Xorb fi hdan il-Union Hadddiema Maghqudin permezz ta' ittra datata 6 ta' Frar 2003 fejn l-apellant sostna li t-tkeccija tieghu mill-impjieg mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni valida skond il-ligi u ghalhekk talab li l-kaz tieghu jinstema' minn dan it-Tribunal sabiex tinghata decizjoni finali skond il-ligi fir-rigward. Is-socjeta' intimata cahdet dan u rriteniet li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant saret ghal raguni valida u skond il-ligi.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz prezentata miz-zewg partijiet, zamm seba' seduti fejn sema'' l-provi prodotti miz-zewg nahat u t-trattazzjoni orali tad-difensuri taghhom.

**Fatti tal-Kaz.**

L-appellant kien jahdem bhala *Oven Minder* mas-socjeta' intimata. Fil-11 ta' Ottubru 2002 Tony Borg Bonaci, li kien il-*manager* direttament inkarigat mill-appellant informa lil dan tal-ahhar li huwa kien imissu jahdem is-*shift* ta' wara nofsinhar Precedentement, u cioe' xi jiem qabel, huwa kien gie nfurmat li l-kumpanija kienet ser tadopera sistema ta' tlett *shifts* ghal xi granet. Malli l-apppellant gie nfurmat li huwa kien imissu jahdem is-*shift* ta' wara nofsinhar huwa qabad jghajjat, jidghi u jghid diskors oxxen, qabad xkupa, beda jsabbatha mal-*oven bend* minn fejn kienu hiergin il-gallettini bil-konsegwenza li qasam din l-ixkupa u l-gallettini li kienu fuq il-*conveyor belt*. Tony Borg Bonaci rraporta dan l-incident lil *Operations Manager*, Randolph Bonnici. Dan tal-ahhar deherlu li l-komportament tal-appellant konsistenti f'nuqqas ta' rispett lejn is-superjur teighu ma kienx gustifikabbli u ghalhekk fil-15 ta' Ottubru 2002 inhareg *warning* bil-miktub fil-konfront tal-appellant. Malli inghata dan il-*warning* bil-miktub l-appellant rega' beda jghajjat u jirrabja u hedded lil Tony Borg Bonaci li jekk il-*warning* li kien inghata kien ser iwassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu huwa kien ser joqtol kemm lilu kif ukoll lil Randolph Bonnici. Huwa qallu wkoll li seta' jmur jaghmel rapport lil Pulizija. Tony Borg Bonaci rega' rrapporta dan l-incident lil *Operations Manager* li wkoll kien sema' l-ghajjat mill-ufficcju tieghu. Huwa ghalhekk baghat ghall-appellant fl-ufficcju u staqsieh jekk kienx minnu li kien hedded lil Tony Borg Bonaci li joqtlu u li kien qal lill-istess Borg Bonaci li kien ser joqtol anki lilu fl-eventwalita' li jigi terminat l-impjieg tieghu. Mill-provi rrizulta li l-appellant f'din l-okkazzjoni ammetta li kien qal dak il-kliem u prova jiggustifika lilu nnifsu billi jghid li qalu fis-sahna tal-mument. Kemm Randolph Bonnici kif ukoll Tony Borg Bonaci, t-tnejn qalu li l-apellant fl-ebda mument ma skuza ruhu maghhom. Huwa inghata

ittra ta' sospensjoni dak il-hin stess u gie nfurmat li fit-18 ta' Otttubru kienet ser issir laqgha mal-*management* fejn huwa kien ser jinghaata l-opportunita' jiddefendi lilu nnifsu u fejn huwa gie nfurmat ukoll li seta' jkun akkompanjat minn rapprezentant tal-Union tieghu. F'din il-laqgha l-appellant ghalll-ewwel cahad li kien hedded lis-superjuri tieghu izda sussegwentement ammetta u attribwixxa l-komportament tieghu ghal fatt li kien irrabjat. Is-socjeta' intimata irriteniet li l-agir tal-appellant ma kienx gustifikabbli u tterminat l-imojieg tieghu ghal din ir-raguni.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz minnu prezentata l-appellant jipprova jiggustifika l-agir tieghu billi jghid li *'c-cirkostanzi precipitaw b'tali mod li intqal diskors miz-zewg nahat li fin-normalita' ma jintqalx*" u billi jallega li Tony Borg Bonaci kellu inkwiet ma haddiema ohra fi hdan il-kumpanija izda dan ma wassalx ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghhom, kif gara fil-kaz tal-appellant, u dan jimplika li saret ukoll diskriminazzjoni fil-konfronti tieghu.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal irid jistabbilixxi jekk l-allegati nuqqqasijiet tal-appellant kienux tali li jimmeritaw is-sanzjoni estrema ta' tkeccija u jekk fil-fatt kienx inghata twissija qabel ma tkecca. M'huwiex kuntestat li l-appellant fil-fatt inghata twissija bil-miktub izda l-appellant minflok ha din it-twissija bhala lezzjoni u rrimedja l-atteggjament tieghu lejn is-superjuri tieghu, kompla bl-istess atteggjament, anzi aghar ghaliex din id-darba hedded li joqtol tnejn mis-superjuri tieghu. Fil-fehma tat-Tribunal l-agir tal-appellant li wassall sabiex jinghatalu *warning* kien gravi u kien jimmerita li jigi sanzjonat b'passi dixxiplinari kif fil-fatt sar ghaliex l-appellant wera diseispett lejn is-superjur tieghu u lejn min jimpjegah u kkaguna hsara fi propjeta' tal-kumpanija. Skond il-klawzola 35 tal-Ftehim Kollettiv applikabbli dan il-komportament

seta' jwassal ghal tkeccija. Is-socjeta' intimata ghazlet li ma tkecciex lill-appellant u taghtu opportunita' ohra izda. kif inghad aktar il-fuq, huwa minflok irrimedja l-atteggjament tieghu, huwa kompla bl-istess agir aggressiv u ma halla lis-socjeta' intimata ebda triq ohra hlief li tkeccih.

It-Triibunal jidhirlu li r-rispett bejn l-impjegat u min jimpjega ghandu jkun reciproku u fil-kaz odjern l-appellant senjamtament naqas minn dan l-obbligu. Huwa bl-ebda mod ma kien gustifikat milli jagixxi b'dik ir-rabja u b'dak il-mod vjolenti semplicement ghaliex gie nfurmat li kellu jahdem is-*shift* li fuq kollox kien imissu jahdem skond ir-*roster,* aktar u aktar ma kienx gustifikat li jhedded lis-superjuri tieghu b'hajithom meta inhariglu *warning* proprju minhabba dan l-agir. Irid jigi enfasizzat li f'dawn il-proceduri l-appellant bl-ebda mod ma rnexxielu jiggustifika l-agir vjolenti u aggressiv tieghu kif l-anqas ma rnexxielu jipprova dak allegat minnu fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu fiss-sens illi d-diskors inopportun kien reciproku. Huwa allega wkoll li kien hemm xi haddiema ohra li kienu vjolenti fil-konfronti ta' Tony Borg Bonaci izda dawn il-haddiema ma gewx imkecciija. L-applennat bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova dak alllegat minnu. L-unika xhud li accennat ghal xi incident simili kienet Gladys Tabone izda hija ma kienetx taf il-fatti di xjenza proprja u stqarret li kienet biss semghet lil xi hadd jirrakkonta ncident fil-*canteen*. Ix-xhieda taghha fir-rigwarda ghalhekk ma tistghax tittiehed in konsiderazzjoni minn dan it-Tribunal.

**<u>Decizjoni</u>**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant Francis Catania mis-socjeta' intimata kien gustifikat u skond il-ligi.

**Drittijiet**

Ghall-iskop tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' Lm40.00 kull wiehed.

**Dr. Audrey Demicoli**
**Chairman**